# Ix-xelters fil-Ħamrun



**Max Farrugia, Dip. LIS**

Dawk kollha li għexu t-Tieni Gwerra Dinjija jew inkella qraw l-istorja fid-dettal ta' dak li Malta għaddiet minnu matul dan il-perjodu, mill-ewwel jirrealizzaw id-diżastru u l-ħsarat li saru mhux biss lill-propjetà privata, imma anki lill-patrimonju nazzjonali, biex ma nsemmix in-numru kbir ta' imwiet ta' ħutna Maltin u oħrajn fis-servizz militari.

Il-Ħamrun, li kien ilu li sar parroċċa għal madwar 60 sena, minkejja li jinsab viċin ħafna tal-Port il-Kbir, li ta' kuljum kien jiġi bbumbardjat kontinwament mill-qawwiet tal-għadu ma nistgħux ngħidu, meta mqabbel ma' postijiet oħra, li sofra ħafna matul il-gwerra fejn jidħol patrimonju, għalkemm ħafna bini privat ġarrab ħsarat kbar. Rapport tal-Gvern Ingliż li sar fl-1946 jgħid hekk dwar il-patrimonju Ħamruniż: *"In the High Street of Hamrun is the 18th century church of St. Mary of Porto Salvo, on the outskirts of the town is the oldest Church, an anonymous 16th century structure now desecrated; it has been badly damaged by bombing, whereas its later riverals have all escaped."*

L-istess rapport jgħid ukoll li t-torri tal-ilma tal-Granmastru Wignacourt u l-monument tal-Granmastru De Rohan ukoll ma ġratilhomx ħsara kbira, imma jkompli li ħafna djar fil-Ħamrun spiċċaw milquta u ġarrbu ħsarat kbar. Tajjeb ngħidu li minħabba li l-kunvent u l-knisja tal-karmelitani ġo Bormla kienu ġarrbu ħafna ħsarat, għal xi żmien matul il-gwerra dawn ġew joqgħodu fil-Knisja ta' Porto Salvo u fil-binja li hemm magħha, li ma kienux ġew rekwiżizzjonati mill-Gvern.

Fil-perjodu tal-gwerra l-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet tlaħħaq 25,000 ruħ. Fejn jidħlu mwiet ukoll nistgħu ngħidu li minkejja li l-Ħamrun ta kenn lil ħafna residenti mill-Kottonera u l-madwar dan ma kienx wieħed kbir. Dan nistgħu ngħidu li kien dovut għal numru kbir ta' xelters li ġew imħaffra matul il-gwerra. Nafu li diversi kienu s-sidien li kienu ħaffru xelters personali fir-residenza tagħhom, imma minbarra dawn kien hemm numru kbir ta' xelters pubbliċi ukoll. Xi uħud min dawn kienu żgħar u oħrajn kbar ħafna.

Skont dokumenti tal-*Air Raid Precaution* (ARP) li jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta fir-Rabat, b'kollox imferrxa mal-Ħamrun kollu, kien hawn 46 xelter. F'każ ta' emerġenza dawn kienu jistgħu jakkomodaw 14,450 persuna. L-awtoritajiet ħasbu għal dan minħabba l-influss ta' refuġjati li ġew milqugħa mill-Ħamruniżi. L-istess rapporti jagħtu indikazzjoni ukoll li minkejja li setgħu jiġu akkomodati dawn l-eluf kollha x-xelters bejniethom qatt ma kienu okkupati b'aktar minn 8,250 ruħ, fosthom madwar 2,000 tfal.

Insibu li fi Triq San Ġużepp biss, it-triq prinċipali tal-Ħamrun kien hemm xejn inqas minn tmien xelters. Fost dawn kien hemm dak li kien hemm fil-binja li kienet tintuża bħala kwartieri tal-Pulizija li llum tagħmel parti minn Santa Venera u tal-każin tal-Banda San Ġużepp.

Fl-inħawi magħrufa bħala ta' Atocia u tas-Samra u l-madwar kien hemm konċentrazzjoni kbira ta' xelters li b'kollox insibu xejn inqas minn 13-il wieħed, ta' daqsijiet differenti. Ma' din iż-żona hemm ukoll toroq bħal Santa Marija, San Gejtanu, Duka ta' Edinburgh, Triq il-Ġdida, u Triq San Franġisk. Minħabba l-iżvilupp modern li sar f'dawn l-inħawi bħal bini tas-suq, u aktar 'il quddiem il-parkeġġ tal-kunsill lokali ntilef wieħed mill-akbar xelters li kien hawn il-Ħamrun li kien jieħu 'l fuq minn 400 ruħ.

Ħafna mix-xelters għadhom mirduma taħt it-toroq tal-Ħamrun. Xi snin ilu kien tnaddaf wieħed minnhom li jinsab viċin il-knisja tal-Madonna tas-Samra iżda tħalla magħluq. Nappella lill-kunsill lokali sabiex dan jiġi miftuħ għall-pubbliku, u l-Ħamrun bħal ħafna irħula oħra jkollu ukoll xelter li jkunu jistgħu jżuruh b'mod speċjali il-ġenerazzjonijiet żgħar u b'hekk isiru jafu minn xiex għaddew l-familjari tagħhom.

Akkwata oħra li fiha kien hemm konċentrazzjoni kbira ta' xelters huma d-diversi toroq li ħafna minnhom illum jagħmlu parti mill-parroċċa tal-Kunċizzjoni, fejn insibu xejn inqas minn 18-il xelter. Dawn jinsabu fost oħrajn fit-toroq bħal Kanonku Bonnici, Ġużè Pace, Brigella, Duka ta' York, Barth, Fra Diegu u d-Duluri.

Żewġ akkwati oħra li ukoll kien hemm konċentrazzjoni ta' xelters fihom huma fejn jibda l-Ħamrun in-naħa ta' isfel, jiġifieri l-akkwata magħrufa bħala tal-*Mile End* u l-madwar tagħha u n-naħa ta' fuq tal-Ħamrun li jiġi fruntiera ma' Santa Venera. Dak iż-żmien partijiet minn Santa Venera kienu għadhom jagħmlu mal-Ħamrun. Din l-akkwata tinkludi ukoll fejn illum hemm il-*housing estate* tar-Rabbat u l-madwar. Insibu li kien hawn seba' xelters. F'din l-akkwata kien hemm xi industriji li jimpjegaw numru ta' ħaddiema bħal fabbrika tal-ħġieġ u dik tal-birra. Din kellha xelter għall-ħaddiema tagħha.

Tajjeb ngħidu li l-biċċa l-kbira ta' dawn ix-xelters ma kienux sempliċiment kuruturi twal iżda kien ikollhom diversi kisret fihom sabiex f'każ ta' inċidenti l-blast tal-bombi jinkiser magħhom. Barra minn hekk kien ikollhom ukoll numru ta' kmamar żgħar li xi uħud minnhom kienu jkunu imħaffra minn individwi bil-permess tal-awtoritajiet sabiex ikollhom ftit tal-privatezza. Kmamar oħra kienu mħaffra mill-awtoritajiet għal użu ġenerali




*Grupp ta' ħaddiema li flimkien ma' Emmanuel Cristina li qed iżomm il-pjanta f'idu tax-xelter li hemm fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq San Gejtanu (Manuel huwa tal-qmis bajda b'idu marbuta). Dan kien jaħdem mal-militar bħal storeman matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Dawn kienu fost dawk li ħaffru x-xelter u xi residenti ta' din l-akkwata.*

bħal kamra fejn kienet tingħata l-ewwel għajnuna, kamra għat-talb bi xbihat tal-Madonna u kamra għal uffiċjali inkarigati mix-xelters. Minħabba n-nuqqas ta' dawl fil-ħitan ta' dawn ix-xelters insibu ħofor żgħar fil-ħajt fejn kien jinxtegħel xi musbieħ jew lampi tal-pitrolju. Ftit kienu dawk ix-xelters li kellhom is-sistema tal-elettriku fihom.

Tajjeb li wieħed jgħid li kull xelter kien ikollu n-numru uffiċjali tiegħu. Ir-raġuni primarja kienet sabiex tkun tista' tinżamm l-ordni u l-kontroll. Kull individwu kien mhux biss jiġi infurmat liema xelter irid juża imma ukoll jingħata n-numru tax-xelter. Ħadd ma seta' jaqbad jagħmel użu minn xelter liema jrid. In-numru tax-xelter kien iservi ukoll sabiex jekk xi individwu, b'mod speċjali r-refuġjati jixtiequ li jirċievu xi ittra bil-posta jagħtu n-numru tax-xelter, u l-isem tat-triq fejn qiegħed.

Ix-xelters kienu jaqaw taħt l-amministrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni (*Protection Office)* li l-Ħamrun kien jitmexxa Kaptan H. Sammut, li miegħu kellu diversi impjegati oħra sabiex jgħinuh fid-diversi ħtiġijiet li kienu jinqalgħu matul il-gwerra. Dawn kienu responsabbli għar-rekwiżizzjonar ta' postijiet, u djar fil-lokalità, l-ippustjar tar-refuġjati, distribuzzjoni tar-razzjon, kull emerġenza li tinqala, it-tmexxija tax-xelters u dokumentazzjoni ta' dak kollu li jiġri kuljum.



*Entratura ta' xelter*

L-impjegati responsabbli minn dan l-uffiċċju fil-Ħamrun kienu Francis Cilia, u Robert Zarb bħala assistenti tal-uffiċjal tal-protezzjoni, Richard Giacomotto kien responsabbli mit-tqassim tal-pitrolju u l-laħam, Alfred Micallef għall-bżonnijiet ta' kuljum bħal ħalib, ħobż, u għaġin, u I. Stagno Navarra kellu l-istess xogħol ta' dan ta' qablu. Alfred Mamo kien jieħu ħsieb it-tqassim tal-prodotti ġenerali tal-ikel. Joseph Vella, kien l-iskrivan responsabbli, Austin Schembri, kien jieħu ħsieb l-ippustjar tar-refuġjati mar-residenti tal-Ħamrun u t-trasferiment tagħhom f'każ li tinqala xi emerġenza. Lily Aguis kienet tieħu ħsieb ix-xogħol klerikali.

Fejn kellu x'jaqsam direttament max-xelters Joseph Papagiorcopulo kien l-uffiċjal inkarigat, u miegħu jgħinuh kien hemm Godwin Mangion, li kien impjegat bħala messaġġier, u Paul Criminale li kien xelter warden, li xogħlu kien li jara li tinżamm l-ordni u ma jkunx hemm inkwiet bejn ir-residenti li jużaw ix-xelters. Carmel Camenzuli kien il-fattiga ta' din is-sezzjoni.

Dawn ix-xelters kienu l-biċċa l-kbira jitħaffru minn ħaddiema tal-Gvern, għalkemm fil-bidu tal-gwerra kienu ukoll jitqabbdu xi kuntratturi sabiex is-saħħa tal-poplu tiġi protetta kemm jista' jkun malajr.